



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs

Single Market Enforcement

Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2021/0799/A (Austria)

Federal Act amending the Copyright Act (Copyright Act Amendment 202x - UrhG-Nov 202x)

Data tal-wasla : 02/12/2021

Tmiem tal-Waqfien : 03/03/2022

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2021) 04345

Direttiva (UE) 2015/1535

Traduzzjoni tal-messaġġ 001

Notifika: 2021/0799/A

No abre el plazo - Nezhajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéket - Ma' jiftaħ il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - He ce предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 202104345.MT)

1. MSG 002 IND 2021 0799 A MT 02-12-2021 A NOTIF

2. A

3A. Bundesministerium für Digitalisierung und Wirtschaftsstandort

Abteilung III/8

A-1010 Wien, Stubenring 1

Telefon +43-1/71100-805433

Telefax +43-1/71100-8045433

E-Mail: not9834@bmdw.gv.at

3B. Bundesministerium für Justiz

Abteilung I 4

A-1070 Wien, Museumstraße 7

Telefon +43-1/52152-0

E-Mail: team.z@bmj.gv.at

4. 2021/0799/A - SERV30

5. Att Federali li jemenda l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Emenda tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur 202x — UrhG-Nov 202x)

6. L-Emenda tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur 202x, il-Gazzetta tal-Liġi Federali (BGBl.) I Nru XX/XXXX (l-Abbozz ta' Liġi



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

tal-Gvern, 1178 d.B., intbagħtet lill-kamra inferjuri tal-Parlament Awstrijak (in-Nationalrat) fit-18 ta' Novembru 2021; hija mistennija li tiġi adottata fin-Nationalrat u fil-kamra superjuri tal-Parlament Awstrijak (il-Bundesrat) f'Diċembru 2021) tintroduċi dritt ġdid relatat mad-drittijiet tal-awtur għall-produtturi ta' pubblikazzjonijiet tal-istampa, li jitrassponi fid-dritt Awstrijak l-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2019/790 tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE.

L-abbozz innotifikat iżid il-mod li bih id-dritt relatat mad-drittijiet tal-awtur u d-dritt ta' parteċipazzjoni tal-awturi ta' xogħlijiet li jinsabu fil-pubblikazzjoni tal-istampa jistgħu jiġu eżerċitati, li ma humiex previsti mid-Direttiva 2019/790.

7. -

8. L-abbozz jistipula li d-dritt il-ġdid kontra l-pjattaformi online u l-magni tat-tiftix li jiddominaw is-suq għandu jiġi affermat permezz ta' soċjetà kolletriċi. Għalhekk, fil-konfront ta' dawn il-fornituri ta' servizzi, id-dritt għandu jiġi eżerċitat biss b'mod kollettiv u mhux mill-produtturi individwali ta' pubblikazzjonijiet tal-istampa.

Barra minn hekk, id-dritt ta' parteċipazzjoni tal-awturi (il-ġurnalisti) kontra l-produtturi għandu jiġi affermat permezz ta' soċjetà kolletriċi.

9. L-għan huwa li l-produtturi ta' pubblikazzjonijiet tal-istampa jiġu ristretti fis-setgħat individwali ta' dispożizzjoni tagħhom biss sal-punt li dan ikun meħtieġ biex jiġu protetti kontra l-użu ħażin ta' pożizzjoni dominanti mill-magni tat-tiftix u s-servizzi tal-midja soċjali li fuqhom jiddependu biex jiġu evitati żvantaġġi ekonomiċi.

Id-Direttiva 2019/790 ma tipprevedix tali restrizzjoni tad-dritt il-ġdid relatat mad-drittijiet tal-awtur. Madankollu, in-natura tagħha ta' antitrust tipprovdi ġustifikazzjoni għaliha. Ir-restrizzjoni hija meħtieġa biex tipproteġi lill-produtturi tal-pubblikazzjonijiet tal-istampa mill-isfruttament minn fornituri tas-servizzi dominanti.

Id-Direttiva 2019/790 lanqas ma tistabbilixxi b'mod espliċitu fl-Artikolu 15(5) li d-dritt ta' parteċipazzjoni tal-awturi (il-ġurnalisti) għandu jiġi affermat permezz ta' soċjetà kolletriċi; madankollu, it-talbiet ta' remunerazzjoni ġeneralment għandhom jiġu affermati permezz ta' soċjetà kolletriċi. Barra minn hekk, id-dritt ta' parteċipazzjoni huwa dirett kontra l-produttur tal-pubblikazzjoni tal-istampa u mhux servizz tas-Soċjetà tal-Infommazzjoni. Fl-aħħar mill-aħħar, din iż-żieda sservi wkoll biex tittrasponi l-prinċipju ta' remunerazzjoni raġonevoli u proporzjonata skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2019/790.

10. Referenza għat-testi bażiċi: Fil-verżjoni tal-Abbozz ta' Liġi tal-Gvern għall-Emenda tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur 2021, 1178 d.B., jiżdied paragrafu li jirrikjedi li d-dritt jiġi affermat permezz ta' soċjetà kolletriċi mal-§ 76f tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, jiżdied paragrafu mal-§ 115 li jagħmel referenza għan-notifika u tiżdied dispożizzjoni dwar id-dħul fis-seħħ mal-§ 116. It-testi bażiċi qed jittellgħu fuq TRIS fil-forma ta' paragun tat-testi.

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. L-obbligu ta' affermazzjoni permezz ta' soċjetà kolletriċi jissalvagwardja l-eżerċizzju tad-dritt il-ġdid armonizzat relatat mad-drittijiet tal-awtur kontra fornituri ta' servizzi b'saħħithom kif ukoll id-dritt ta' parteċipazzjoni tal-awturi (il-ġurnalisti) kontra l-produtturi ta' pubblikazzjonijiet tal-istampa.

16. Aspett OTK

Le - L-abbozz mhuwiex regolament tekniku jew valutazzjoni tal-konformità

Aspett SPS



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

Le - L-abbozz la huwa miżura sanitarja u lanqas fitosanitarja

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535

Fax: +32 229 98043

email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu